**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar, 2019**

**Rikors nru: 20/18 AGV**

AC

Vs

BC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-16 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-26 ta' Ottubru, 1974 (ara Dok. A) skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, li llum it-tnejn maggorenni;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza moghtija mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili mis-6 ta' Gunju, 2002 (Ara Dok. B anness).

3. Illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahanistra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohra.
4. Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied f’dan l-istadju, stante illi l-ulied illum huma t-tnejn maggorenni u ‘l fuq minn tlieta u ghoxrin sena;
5. Ili m’hemmx kwistjoni ta’ manteniment lill-intimata;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata debitament notifikata baqqghet ma pprezentatx risposta.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati b’sentenza moghtija mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili mis-6 ta’ Gunju, 2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment u li ma kinitx tezisti c-cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**